**MALTA**
**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tas-16 ta’ Frar, 2018

Kawza nru: 283/2016 AM

Numru fuq il-Lista: 46

**GO p.l.c (C22334)**

**Triq Fra Diegu,**

**Marsa MRS1501**

**Vs**

**Gina (Georgina) Borg K.I.602064M**

**26, Fleur-De-Lys**

**Birkirkara**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fis-27 ta’ Lulju, 2016 li permezz tieghu s-soċjeta’ attriċi talbet mingħand il-konvenuta s-somma ta’ hames mija u disgha u disghin ewro u hamsa u tmenin centezmu (€599.85) in konnessjoni ma’ servizzi fuq 79774128 liema servizzi huma migbura fil-kont bin-numru 40557222.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawza fit-termini preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra x-xhieda bil-gurament ta' Charmaine Psaila Raji in rapprezentanza tas-socjeta' attrici li permezz tieghu kkonfermat li l-ammont ghadu dovut.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi u l-fatt l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, wara li r-rapprezentant tas-socjeta' attrici kkonfermat li l-ammont ghadu dovut, it-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, u ghaldaqstant t-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lil konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u disgha u disghin ewro u hamsa u tmenin centezmu (€599.85c) bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż huma a kariku tal-konvenuta.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikant**